MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 101/1993/1

Joseph Galea f'ismu proprju
U bħala mandatarju ta' ħutu l-imsefrin
Carmen mart Gakku Camilleri,
Lucy mart Bernard Portelli u
Anthony Galea.

vs

Maria Camilleri

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta:

Illi l-atturi flimkien mal-konvenuta huma eredi tal-mejjet Toni Cauchi bin il-mejtin Salvu Cauchi u Maria nee' Galea (dok "A") li miet fin-Nadur, Għawdex fit-tnejn u għoxrin ta' April 1983 (22.4.1983) (Dok. "B").

Illi permezz tat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tat-18 ta’ April 1983 (Dok “A”) l-imsemmi Anthony Cauchi kien ħalla bħala prelegat il-maħżen li jikkonsisti f’kamra waħda biss, fin-numru ħamsa u tletin ta’ triq it-tigrija Nadur bl-obbligu fil-prelegatarja li tagħlaq kull komunikazzjoni li hemm bejn l-istess maħżen mill-kumplament tal-fond.
Illi sal-lum il-konvenuta naqset li tagħmel dan anzi akkupat ambjenti aktar minn dawk lilha mħollija bħala prelegat u eskludiethom mill-bqija tal-fond imsemmi.

Illi għalkemm interpellata sabiex tagħlaq u tissepara l-maħżen lilha mħolli bi prelegat mill-bqija tal-fond il-konvenuta baqgħet inadempjenti.

Talab lill-konvenuta tgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-prelegat imħolli lill-konvenuta bit-tielet artikolu tat-testment ta’ Anthony Cauchi fuq imsemmi jikkonsisti biss f’kamra wahda li tiġi fuq in-naħa tal-faċċata tal-fond numru ħamsa u tletin (35) Triq it-Tigrija, Nadur, Għawdex.

2. Tikkundanna lill-konvenuta tagħlaq u tissegrega l-istess maħżen mill-bqija tal-fond fuq imsemmi, kif obbligata tagħmel bl-imsemmi testment.

3. tikkundanna lill-konvenuta tirrilaxxja u tħalli a liberu dispożizzjoni tal-komproprejarji eredi tal-mejjet Anthony Cauchi l-kumplament tal-ambjenti.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali tad-29 ta’ April, 1986, u tal-11 ta’ Mejju, 1993 kollha kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa mħarrka għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur proprio et nomine, konfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha eċċepiet illi:

1. Illi d-domandi attriċi huma infon dati fid-dritt u fil-fatt u dan għaliex il-komunikazzjonijiet li dwarhom qegħdin jilmentaw l-atturi jinsabu bejn proprjetajiet tal-konvenuta. Għalhekk dak kollu li qed tagħmel huwa fil-limiti tal-jeddijiet tagħha.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta kkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Gunju 1994 fejn innominat lill-AIC. Carmelo Borg bħala perit tekniku.

Rat ir-rapport ta' l-istess perit tekniku ppreżentat fid-29 ta' April 2004 u minnu maħluf fil-5 ta' Lulju 2004.

Rat il-verbal tagħha tal-21 ta' Mejju 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenuta.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur proprio et nomine qed jitlob li jiġi dikjarat li l-prelegat imħolli lill-konvenuta bit-tielet artikolu tat-testment tal-kuġin tiegħu Toni Cauchi,[1] jirrigwarda biss kamra waħda li tiġi fuq in-naħa tal-faċċata tal-fond numru 35, Triq it-Tigrija, in-Nadur, Għawdex. Ġie mitlub ukoll li l-konvenuta tiġi kundannata tagħlaq u tissegrega l-istess maħżen mill-bqija tal-fond, kif obbligata tagħmel bl-imsemmi testment. Finalment l-attur talab ukoll li l-konvenuta tiġi kkundannata tirrilaxxja u tħalli a libera dispożizzjoni tal-komproprjetarji eredi ta' l-istess Toni Cauchi l-kumplament ta' l-ambjenti .

[1] Testment in atti Nutar Dr. Giuseppi Cauchi tat-18 ta' April 1983 Dok. A anness mac-citazzjoni a fol. 5 - 8 tal-process .

Il-konvenuta wieġbet għal dawn it-talbiet billi ċaħdet l-istess bħala totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, billi l-komunikazzjonijiet li dwarhom qed jilmentaw l-atturi jinsabu bejn proprjetajiet oħra tagħha u għalhekk dak kollu li qed tagħmel huwa fil-limiti tal-jeddijiet tagħha.

Għalkemm dan ma jirriżultax daqstant ċar miċ-ċitazzjoni, jidher illi l-atturi qed jippretendu illi l-legat imħolli lill-konvenuta mill-imsemmi Toni Cauchi, kien jikkonsisti biss fil-parti ta' quddiem tal-maħżen li huwa mmarkat bl-ittra "A" fuq il-pjanta redatta mill-perit tekniku,[2] u mhux ukoll dik il-parti ta' warajha, mmarkata bl-ittra "B" fuq l-istess pjanta. Joħroġ mill-provi li l-atturi jippretendu illi bħala ko-eredi, flimkien mal-konvenuta, fil-bqija tal-beni tad-*decujus*, u dana a tenur tar-raba' artikolu tat-testment tiegħu fuq ċitat,[3] huma ntitolati wkoll għal sehem indiviż mill-ambjenti ta' wara din il-kamra u ċioe' dawk immarkati bl-ittra "B" fuq din il-pjanta.

Ir-raġunijiet li fuqhom l-atturi jidher li qed jibbażaw il-pretensjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward huma s-segwenti:

(i) il-kliem użat mit-testatur f'dan il-legat, fejn jgħid li l-maħzen mħolli lill-konvenuta jikkonsisti f'kamra waħda biss;

(ii) l-allegazzjoni tagħhom li hemm żewġ imħażen, wieħed fuq quddiem, b'aċċess dirett għat-triq, u l-ieħor wara l-istess maħżen, u li nbena iżjed tard;

(iii) il-fatt li fil-parti ta' wara tħallew diversi oġġetti li għadhom ipposeduti in komun bejn il-kontendenti bħala eredi tad-*decujus*.

Fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħha l-konvenuta tagħmel referenza ampja għall-ġurisprudenza fir-rigward ta' l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet testamentarji. A skans ta' ripetizzjonijiet inutili, din il-Qorti tagħmel referenza sħiħa għal dak li ġie riportat f'din in-nota. Huwa

[2] ara pjanta a fol. 57 tal-process .
[3] ara Dok. a fol. 7 tal-process .

biżżejjed li hawnhekk jiġu esposti il-prinċipji legali li għandhom jiggwidaw lil ġudikant u jiġu segwiti f'materja simili, u ċioe':

1. ma hemmx lok għal interpretazzjoni meta il-kliem fit-testment huwa ċar u ma jammettix dubbju;

2. meta jirriżulta dubbju dwar il-kliem użat fit-testment, allura wieħed għandu jasal għall-intenzjoni tat-testatur permezz ta' l-interpretazzjoni;

3. fl-interpretazzjoni, wieħed għandu jassumi illi l-intenzjoni tat-testatur kienet waħda permessa mill-liġi;

4. l-intenzjoni tat-testatur għandha tiġi desunta biss mill-kumpless tat-testment u mhux minn provi estranei;

5. f'każ ta' dubbju, għandha tiġi adottata dik l-interpretazzjoni illi tagħti saħħa lix-xewqa tat-testatur a skapitu ta' dik l-interpretazzjoni illi għall-kuntrarju tanjenta, tiskarta jew tirritjeni illegali jew mhux intelliġibbli l-volonta' tat-testatur.

Fil-każ tagħna, il-kliem eżatt użat mit-testatur meta ġie biex iħalli dan il-legat lill-konvenuta kien is-segwenti:

"*It-testatur bi tpattija totali tas-serviġi, kuri u assistenzi lilu pprestati sa issa, u ta' dawk li għad isirulhu sad-data tal-mewt tiegħu mill-kuġina materna tiegħu (tat-testatur) Maria Camilleri, mit-tmienja ta' filgħodu sat-tmiena ta' filgħaxija, jħallilha b'titolu ta' prelegat: (i) il-maħżen, kamra waħda biss, fin-numru ħamsa u tletin ta' Triq it-Tigrija, Nadur, Għawdex, bl-obbligu fil-prelegatarja li taghlaq kull komunikazzjoni li hemm bejn l-istess maħżen mid-dar u l-ġardina li jiġu rispettivament lejn il-lvant u tramunatana tal-istess maħżen*…"

Huwa minnu illi kif jidher mid-deskrizzjoni li ta l-perit tekniku ta' dan il-maħżen, jirriżulta li "*il-parti ta' wara ma tibqax dieħla f'linja dritta mal-parti ta' quddiem; il-ħajt tan-naħa tax-xellug li hu dobblu jidħol lejn il-lemin b'madwar*

*1.1. metri u dak tal-lemin li hu singlu jidħol b'madwar 2.1 metri wara d-dar*." [4] Huwa minnu wkoll illi hemm diżlivell ta' xi tarġa bejn il-parti ta' barra u dik ta' ġewwa li hija idjaq.[5] Dan għalhekk jista' *prima facie* jagħti l-impressjoni li dan il-maħżen jikkonsisti f'żewġt ikmamar u mhux waħda kbira u kontinwa. Huwa minnu wkoll illi f'partijiet minnu is-saqaf hu mirfud bi travi ta' l-injam filwaqt illi fil-parti ta' ġewwa nett intużaw travi tal-ħadid. Pero' dan ġie spjegat bil-fatt illi l-parti ta' wara kienet intlaqtet b'bomba fil-gwerra u għalhekk ġiet sussegwentement rikostruwita. Il-kontendenti qablu wkoll illi f'xi żmien fil-passat, il-parti ta' quddiem tal-maħżen kienet mifruda mill-bqija tiegħu b'ħajt li kien hemm bieb fih, wiesa biżżejjed biex minnu jgħaddu l-btieti ta' l-inbid. Imma meta ġie redatt it-testment mid-*decujus*, l-aspett tal-maħżen kien ġia kollu kemm hu kif jinsab preżentement, u ma kien hemm xejn x'jifred il-parti ta' quddiem minn dik ta' wara.[6]

Madankollu kif jistqarr il-perit tekniku fir-rapport tiegħu u kif setgħet tikkonstatata din il-Qorti stess fl-aċċess miżmum minnha fuq il-post, l-aperturi li jeżistu f'dan il-maħżen, jinsabu kollha kemm huma fil-parti ta' wara, u ċioe' f'dik il-parti li l-atturi jippretendu li ma ġietx inkluża fil-legat in kwistjoni. Kif sewwa tgħid il-konvenuta fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha, dan ma jistax ifisser ħlief illi l-intenzjoni tad-*decujus* kienet li jħalli lill-konvenuta l-maħżen kollu fil-partijiet kollha tiegħu, u mhux biss il-parti ta' quddiem fejn m'hemm l-ebda aperturi, għajr naturalment għall-bieb ta' barra li jagħti direttament għat-triq. Altrimenti ma kien jagħmel ebda sens li t-testatur jobbliga lill-legatarja biex tagħlaq "*kull komunikazzjoni li hemm bejn l-istess maħżen mid-dar u l-ġiardina li jiġu rispettivament lejn il-lvant u tramunatana ta' l-istess maħżen*," meta ma hemm, u lanqas fl-epoka li sar dan it-testment, ma kien hemm ebda komunikazzjoni mill-parti ta' quddiem ta' dan il-maħżen, għad-dar jew giardina adjaċenti. Fid-dawl ta' dawn il-fatturi hija l-fehma tal-Qorti li din l-intrepretazzjoni ta' l-intenzjoni tat-testatur hija tant

[4] ara rapport pertiali a fol. 46 - 47 tal-process u pjanta relattiva a fol. 57 .
[5] ara verbal ta' l-access fuq il-post mizmum mill-Qorti fit-21.5.08 a fol. 134 – 135 .
[6] ibid.

evidenti li ma tħalli l-ebda lok għal xi ekwivoku u nterpretazzjoni alternattiva. Konsegwentement m'għandu jkun hemm ebda ħtieġa li l-Qorti tidħol f'xi indaġini ulterjuri biex tara x'setgħet kienet eżattament ir-rieda tat-testatur. Huwa ħalla l-maħżen kollu lill-konvenuta, li allura ma hi tenuta tirrilaxxja ebda partijiet minnu a libera dispożizzjoni ta' l-eredi l-oħra ta' Toni Cauchi, kif mitluba tagħmel fiċ-ċitazzjoni.

Hekk ukoll irriżulta li l-proprjetajiet madwar dan il-maħżen, u ċioe' d-dar fuq in-naħa tal-lvant tiegħu u l-għalqa fuq in-naħa tat-tramuntana huma proprjetajiet tal-konvenuta stess, li hija wirtet mingħand Rosa Cauchi, oħt id-decujus.[7] Dan ma ġie kontradett bl-ebda mod mill-attur, u għalhekk għandu jittieħed bħala li jirrappreżenta l-pożizzjoni korretta attwali. Għalhekk lanqas it-talba sabiex jingħalqu dawn l-aperturi ma tista' tintlaqa' .

Għaldaqstant irriżulta li t-tliet talbiet ta' l-attur proprio et nomine mhumiex ġustifikati u ma jimmeritawx li jiġu milqugħa.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kollha kontra l-attur proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[7] ara affidavit tal-konvenuta a fol. 86 – 88 .